

Brussell, 6 ta' Settembru 2024
(OR. en)

13061/24

Fajl Interistituzzjonali:
2024/0214(NLE)

FORETS 216
SEMENCES 149
AGRI 618
AGRILEG 375

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	4 ta' Settembru 2024
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2024) 387 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni 2008/971/KE fir-rigward tal-materjal riproduttiv tal-foresti tal-kategorija "ttestjati", it-tikkettar tagħha u l-ismijiet tal-awtoritajiet responsabbli għall-approvazzjoni u l-kontroll tal-produzzjoni

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2024) 387 final.

Mehmuż: COM(2024) 387 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 4.9.2024
COM(2024) 387 final

2024/0214 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni 2008/971/KE fir-rigward tal-materjal riproduttiv tal-foresti tal-kategorija “ttestjati”, it-tikkettar tagħha u l-ismijiet tal-awtoritajiet responsabbli għall-approvazzjoni u l-kontroll tal-produzzjoni

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

F'konformità mal-Artikolu 19(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/105/KE tat-22 ta' Diċembru 1999 dwar il-marketing ta' materjali riproduttivi tal-foresti¹, il-Kunsill, filwaqt li jaġġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jiddetermina jekk il-materjal riproduttiv tal-foresti f'pajjiż terz joffrix l-istess assigurazzjonijiet fir-rigward tal-approvazzjoni tal-materjal bażiku u tal-miżuri meħuda fil-produzzjoni tiegħu bil-tal-kummerċ bħalma jkun il-materjal riproduttiv forestali fil-Komunità u li jkunu konformi mad-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/971/KE² tistabbilixxi dispożizzjonijiet dwar l-ekwivalenza ta' Materjal Riproduttiv tal-Foresti prodott f'pajjiżi terzi. Tistabbilixxi, l-ewwel nett, l-ekwivalenza tas-sistemi għall-approvazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-materjal bażiku u l-produzzjoni sussegwenti tal-materjal riproduttiv minn dan il-materjal bażiku applikati fil-pajjiżi terzi elenkati fl-Anness I tiegħu, u, it-tieni, ir-regoli ġenerali għad-determinazzjoni tal-ekwivalenza tal-materjal riproduttiv tal-foresti prodott f'pajjiżi terzi. Tispeċifika wkoll il-kundizzjonijiet li bihom il-materjal riproduttiv tal-foresti ("FRM", forest reproductive material) tal-kategoriji "sors identifikat", "magħżula" u "kwalifikati" prodott f'pajjiż terz elenkat fl-Anness I ta' dik id-Deċiżjoni, jista' jiġi importat lejn l-Unjoni.

F'Lulju 2007, il-Kunsill tal-OECD adotta Skema għaċ-Ċertifikazzjoni ta' Materjal Riproduttiv tal-Foresti Użat fil-Kummerċ Internazzjonali³ ("l-Iskema tal-OECD taż-Żrieragħ u l-Pjanti tal-Foresti"). Il-pajjiżi terzi elenkati fid-Deċiżjoni 2008/971/KE japplikaw ir-regoli nazzjonali għaċ-ċertifikazzjoni tal-FRM abbażi ta' dik l-Iskema. Fl-2011, ir-regoli tagħha kienu jkopru l-materjal riproduttiv tal-foresti tal-kategoriji "sors identifikat", "magħżula", u "kwalifikati". Fl-2013 ir-regoli tal-Iskema tal-OECD dwar iż-Żrieragħ u l-Pjanti tal-Foresti ġew emendati biex jinkludu l-kategorija "ttestjati".

Eżami tar-regoli emendati tal-OECD wera li l-kundizzjonijiet għall-approvazzjoni tal-materjal bażiku fil-kategorija "ttestjati" fihom, jikkorrispondu għar-reqwiziti stabbiliti fid-Direttiva 1999/105/KE.]

Din il-proposta għandha l-għan li testendi r-reġim ta' ekwivalenza għall-importazzjoni tal-FRM stabbilit bid-Deċiżjoni 2008/971/KE għall-kategorija "ttestjati", f'konformità mar-regoli emendati tal-OECD tal-2013. Tippedvi (i) il-kundizzjonijiet biex jiġi ddeterminat jekk l-FRM tal-kategorija "ttestjati" importat minn ċertu pajjiż terz jistax jitqies bħala ekwivalenti għall-FRM prodott fl-Unjoni u jikkonformax mad-Direttiva 1999/105/KE, kif ukoll (ii) il-kundizzjonijiet addizzjonali fir-rigward taż-żrieragħ u n-nebbiet għat-tħawwil stabbiliti fid-Deċiżjoni 2008/971/KE.

¹ ĠU L 11, 15.1.2000, p. 17. ELI <http://data.europa.eu/eli/dir/1999/105/oj>

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/971/KE tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-ekwivalenza ta' Materjal Riproduttiv tal-Foresti prodott f'pajjiżi terzi (ĠU L 345, 23.12.2008, p. 83, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2008/971/2021-01-01>).

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill li Tistabbilixxi l-Iskema tal-OECD għaċ-Ċertifikazzjoni tal-Materjal Riproduttiv tal-Foresti Użat fil-Kummerċ Internazzjonali [OECD/LEGAL/0355].

Ladarba jiġi adottat, dan l-abbozz ta' deċiżjoni għandu jissostitwixxi l-awtorizzazzjoni temporanja mogħtija bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/773⁴ li tawtorizza lil kull Stat Membru, f'konformità mal-Artikolu 19(3) tad-Direttiva 1999/105/KE, biex sal-31 ta' Diċembru 2024 jiddeċiedi jekk l-FRM tal-kategorija "ttestjati" prodott f'pajjiż terz speċifiku joffrix l-istess garanziji bħall-FRM prodott fl-Unjoni u li jikkonforma mad-Direttiva 1999/105/KE.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat**

Din hija implimentazzjoni teknika tar-rekwiżiti eżistenti stabbiliti fid-Direttiva 1999/105/KE. Għalhekk hija konsistenti mar-regoli attwali dwar il-kategorija "ttestjati" tal-FRM u mar-regoli ġenerali dwar l-importazzjonijiet tal-FRM fl-Unjoni u r-rikonoxximent li r-rekwiżiti fil-pajjiżi terzi kkonċernati huma ekwivalenti għar-rekwiżiti tal-Unjoni għall-FRM.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Billi għandha l-għan li tissalvagwardja l-kontinwazzjoni bla xkiel tal-kummerċ fl-FRM u ż-żamma tal-provvista kontinwa ta' FRM ta' kwalità għolja fl-Unjoni, din il-proposta tikkontribwixxi għall-politiki kumplessivi tal-Politika Agrikola Komuni, tal-Patt Ekoloġiku Ewropew⁵ u tal-leġiżlazzjoni u tal-istrateġiji relatati: il-Liġi Ewropea dwar il-Klima⁶, l-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima⁷, l-Istrateġija l-ġdida tal-UE għall-Foresti għall-2030⁸ u l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030⁹.

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi legali**

Bħad-Deċiżjoni 2008/971/KE, li għandha tiġi emendata b'din il-proposta, il-proposta hija bbażata wkoll fuq l-Artikolu 19(2) tad-Direttiva 1999/105/KE.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-FRM jappartjenu għall-kompetenza kondiviża bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, peress li l-att legali rispettiv (id-Direttiva 1999/105/KE) huwa bbażat fuq l-Artikolu 43 tat-TFUE (dak li qabel kien l-Artikolu 37 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea).

⁴ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/773 tal-10 ta' Mejju 2021 li, f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 1999/105/KE, tawtorizza lill-Istati Membri jiddeċiedu b'mod temporanju dwar l-ekwivalenza ta' materjal riproduttiv tal-foresti ta' ċerti kategoriji li jiġi prodott f'ċerti pajjiżi terzi (ĠU L 169, 12.5.2021, p. 1. ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2021/773/oj)

⁵ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Il-Patt Ekoloġiku Ewropew (COM(2019) 640 final).

⁶ Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1; ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1119/oj>).

⁷ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Insawru Ewropa reżiljenti għall-klima - L-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima (COM(2021) 82 final).

⁸ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, L-Istrateġija l-ġdida tal-UE għall-Foresti għall-2030 (COM(2021) 572 final).

⁹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 Inreġġu n-natura lura f'ħajjita (COM(2020) 380 final).

Peress li s-settur tal-FRM ġie rregolat fil-biċċa l-kbira fil-livell tal-Unjoni, il-leġiżlazzjoni f'dan il-qasam hija b'mod predominanti rwol għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni, kif stabbilit fl-Artikolu 2(2) tat-TFUE. L-objettivi ewlenin ta' dak is-settur, jiġifieri l-importazzjoni ta' FRM ta' kwalità għolja u l-funzjonament tas-suq intern, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti fil-livell tal-Istati Membri, minħabba l-kumplessità tar-regoli rispettivi u l-isfidi transfruntiera tal-kriżi klimatika, il-protezzjoni tal-bijodiversità u l-iżvilupp sostenibbli.

Għalhekk, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-Unjoni tista' tadotta approċċ komuni fir-rigward tal-importazzjoni tal-FRM fl-Unjoni.

- **Proporzjonalità**

Din hija l-unika forma possibbli ta' azzjoni tal-Unjoni, u dawk ir-rekwiżiti huma l-aktar xierqa biex jintlaħqu l-objettivi segwiti, jiġifieri:

- (i) l-importazzjoni ta' FRM ta' kwalità għolja għall-utenti kollha fl-Unjoni;
- (ii) il-funzjonament tajjeb tas-suq intern;
- (iii) kundizzjonijiet ekwi għall-operaturi professjonisti kkonċernati; u
- (iv) il-faċilitazzjoni tal-kummerċ fid-dawl tal-adattament għat-tibdil fil-klima u l-mitigazzjoni tiegħu.

- **Għażla tal-istrument**

Il-Kummissjoni tipproponi Deċiżjoni tal-Kunsill, l-istess tip ta' strument legali bħall-att li għandu jiġi emendat b'din il-proposta (id-Deċiżjoni 2008/971/KE).

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Ma kien hemm l-ebda konsultazzjoni pubblika, peress li din hija inizjattiva teknika ta' interess limitat għall-pubbliku ġenerali. Barra minn hekk, il-partijiet ikkonċernati ma ġewx ikkonsultati dwar l-ekwivalenza mar-rekwiżiti tal-UE għal kategoriji oħra tal-FRM.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

L-Unjoni u l-Istati Membri huma involuti mill-qrib fl-iżvilupp tal-Iskemi tal-OECD dwar iż-Żrieragħ u l-Iskema tal-OECD dwar iż-Żrieragħ u l-Pjanti tal-Foresti. Il-Kummissjoni eżaminat ir-regoli tal-OECD, kif ukoll ir-regoli nazzjonali rispettivi tal-pajjiżi terzi rispettivi li jimplementaw dik l-Iskema, fir-rigward tal-kategorija "ttestjati". Dak l-eżami wera li l-kundizzjonijiet għall-approvazzjoni tal-materjal bażiku jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva 1999/105/KE għal dik il-kategorija. Għal din ir-raġuni, ma tqiesx li hemm bżonn jinġabar jew jintuża għarfien espert addizzjonali, peress li f'dan ir-rigward l-Unjoni u l-pajjiżi terzi kkonċernati japplikaw ir-regoli tal-OECD aċċettati b'mod komuni f'dan ir-rigward.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Din id-Deċiżjoni timplimenta r-regoli eżistenti. L-għoti tal-ekwivalenza tal-FRM prodott f'pajjiżi terzi għall-importazzjonijiet huwa bbażat fuq l-Iskemi tal-OECD u l-metodi tal-Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-Ittestjar taż-Żrieragħ (ISTA, International Seed Testing Association). Kif uriet l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni (UE) 2021/536, ma huwa mistenni l-ebda impatt ekonomiku, soċjali jew ambjentali negattiv mill-importazzjoni tal-FRM tal-kategorija “ttestjati”, minħabba li ma ġie rrapportat l-ebda effett bħal dan mill-awtoritajiet kompetenti, mill-pajjiżi terzi jew mill-operaturi professjonisti. Għalhekk, ma tqiesx li kien meħtieġ li ssir valutazzjoni tal-impatt.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Din il-proposta ma hijiex marbuta mar-REFIT. Il-proposta ma għandha l-ebda impatt fuq il-kostijiet tal-konformità għall-operaturi. Il-“Kontroll Diġitali” mhuwiex applikabbli għal din il-proposta.

- **Drittijiet fundamentali**

Id-Deċiżjoni proposta tirrispetta d-dispożizzjonijiet kollha mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Din il-proposta ma għandhiex implikazzjonijiet baġitarji.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-
evalwazzjoni u r-rapportar**

Ma huwa meħtieġ l-ebda pjan ta' implimentazzjoni jew arranġament dwar il-monitoraġġ, l-
evalwazzjoni u r-rapportar.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux applikabbli.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Id-dispożizzjoni sostantiva unika fil-proposta tagħti l-ekwivalenza lid-dritt applikabbli tal-Unjoni lill-FRM tal-kategorija “ttestjati” prodott f'ċerti pajjiżi terzi għall-importazzjoni tiegħu fl-Unjoni, billi tinkludi din il-kategorija fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni 2008/971/KE.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni 2008/971/KE fir-rigward tal-materjal riproduttiv tal-foresti tal-kategorija “ttestjati”, it-tikkettar tagħha u l-ismijiet tal-awtoritajiet responsabbli għall-approvazzjoni u l-kontroll tal-produzzjoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 1999/105/KE tat-22 ta' Diċembru 1999 dwar il-marketing ta' materjali riproduttivi tal-foresti¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 19(1) u (2) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea²,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 1999/105/KE tapplika għall-marketing ta' materjal riproduttiv tal-foresti (“FRM” forest reproductive material) fl-Unjoni. Dik id-Direttiva tikkonċerna l-materjal riproduttiv ta' dawk l-ispeċijiet ta' siġar u tal-ibridi artifiċjali tagħhom, li huma importanti għall-finijiet tal-forestrija fl-Unjoni kollha jew f'parti minnha.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/971/KE³ tiddetermina l-kundizzjonijiet li skonthom l-FRM tal-kategoriji “sors identifikat”, “magħżula” u “kwalifikati”, prodott fil-pajjiżi terzi elenkati fl-Anness I ta' dik id-Deċiżjoni, fir-rigward tal-approvazzjoni u tar-reġistrazzjoni tal-materjal bażiku u tal-produzzjoni sussegwenti tal-FRM minn dak il-materjal bażiku, għandu jiġi importat fl-Unjoni. Il-pajjiżi terzi kkonċernati jimplimentaw l-Iskema tal-OECD għaċ-ċertifikazzjoni tal-materjal riproduttiv tal-foresti użat fil-kummerċ internazzjonali⁴ (“l-Iskema tal-OECD dwar iż-Żrieragħ u l-Pjanti tal-Foresti”).
- (3) L-Iskema tal-OECD dwar iż-Żrieragħ u l-Pjanti tal-Foresti ġiet emendata fl-2013 biex tinkludi l-FRM tal-kategorija “ttestjati” minbarra l-kategoriji “sors identifikat”, “magħżula” u “kwalifikati” tal-FRM, li ilhom fl-Iskema mill-2011.
- (4) Ir-regoli nazzjonali għaċ-ċertifikazzjoni tal-FRM fil-Kanada, fl-Iżvizzera, fir-Renju Unit, fin-Norveġja, fis-Serbja, fit-Turkija u fl-Istati Uniti (“il-pajjiżi terzi speċifikati”) jipprevedu spezzjoni uffiċjali fil-post li għandha titwettaq matul il-ġbir u l-ipproċessar taż-żrieragħ u l-produzzjoni tan-nebbiet għat-tħawwil.

¹ ĠU L 11, 15.1.2000, p. 17, ELI <http://data.europa.eu/eli/dec/2008/971/2021-01-01>.

² ĠU C [...], [...], p. [...].

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/971/KE tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-ekwivalenza ta' Materjal Riproduttiv tal-Foresti prodott f'pajjiżi terzi (ĠU L 345, 23.12.2008, p. 83, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2008/971/2021-01-01>).

⁴ Id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi, id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Iskema tal-OECD għaċ-ċertifikazzjoni ta' Materjal Riproduttiv tal-Foresti Użat fil-Kummerċ Internazzjonali [OECD/LEGAL/0355]. <https://legalinstruments.oecd.org/en/instruments/OECD-LEGAL-0355>.

- (5) Skont dawk ir-regoli nazzjonali, is-sistemi għall-approvazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-materjal bażiku u l-produzzjoni sussegwenti tal-FRM minn dak il-materjal bażiku jridu jsegwu l-Iskema tal-OECD dwar iż-Żrieragħ u l-Pjanti tal-Foresti. Barra minn hekk, dawk ir-regoli jirrikjedu li ż-żrieragħ u n-nebbiet għat-tħawwil tal-kategoriji “sors identifikat”, “magħżula” u “kwalifikati” ikunu uffiċjalment iċċertifikati u l-pakketti taż-żrieragħ ikunu uffiċjalment magħluqa f’konformità mal-Iskema tal-OECD dwar iż-Żrieragħ u l-Pjanti tal-Foresti.
- (6) Fin-nuqqas ta’ Deċiżjoni fil-livell tal-Unjoni fir-rigward tal-ekwivalenza tal-materjal riproduttiv tal-foresti tal-kategorija “ttestjati”, id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/773⁵ temporanjament, sal-31 ta’ Diċembru 2024, awtorizzat lill-Istati Membri jiddeċiedu dwar l-ekwivalenza tal-FRM mill-kategorija “ttestjati” prodotta fil-pajjiżi terzi elenkati fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2008/971/KE, li jinkludu l-pajjiżi terzi speċifikati. Dik l-awtorizzazzjoni kienet meħtieġa biex jiġi evitat kwalunkwe riskju ta’ tfixkil fl-importazzjonijiet ta’ dak l-FRM fl-Istati Membri.
- (7) Eżami tar-regoli nazzjonali tal-pajjiżi terzi speċifikati, fir-rigward tal-kategorija “ttestjati” juri li l-kundizzjonijiet għall-approvazzjoni tal-materjal bażiku, jitqiesu bħala ekwivalenti għal dawk stabbiliti fid-Direttiva 1999/105/KE, dment li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2008/971/KE jiġu ssodisfati fir-rigward taż-żrieragħ u tan-nebbiet għat-tħawwil.
- (8) L-ismijiet u l-indirizzi ta’ xi awtoritajiet responsabbli għall-approvazzjoni u l-kontroll tal-produzzjoni, kif elenkat fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2008/971/KE, inbidlu u għalhekk jeħtieġ jiġu aġġornati.
- (9) Huwa possibbli wkoll li tintuża l-modifikazzjoni ġenetika għall-produzzjoni taż-żrieragħ jew tan-nebbiet għat-tħawwil tal-kategorija “ttestjati”. Għalhekk, u biex jiġu żgurati għażliet infurmati għall-utenti tal-FRM, it-tikketta tal-OECD u t-tikketta jew id-dokument tal-fornitur jenħtieġ li jiddikjaraw jekk dik it-tip ta’ modifikazzjoni ntużatx fil-produzzjoni tal-materjal bażiku għal din il-kategorija, kif isseħħ bħalissa bil-kategorija “kwalifikati”.
- (10) Fid-dawl taż-żieda tal-kategorija “ttestjati” fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2008/971/KE, jenħtieġ li jiżdid Anness ġdid ma’ dik id-Deċiżjoni b’tabella li tindika l-kategoriji li, skonthom, il-materjal riproduttiv tal-foresti mit-tipi differenti ta’ materjal bażiku jista’ jiġi importat fl-Unjoni biex jiġu żgurati ċ-ċarezza u l-applikazzjoni korretta ta’ dik id-Deċiżjoni. Dan huwa meħtieġ biex jiġu żgurati ċ-ċarezza legali, il-konsistenza mad-Direttiva 1999/105/KE, kif ukoll l-applikazzjoni korretta ta’ dawk ir-regoli u l-għażliet infurmati mill-operaturi li japplikaw dik id-Deċiżjoni.
- (11) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2008/971/KE tiġi emendata kif xieraq.
- (12) Peress li d-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni (UE) 2021/773 tiskadi fl-31 ta’ Diċembru 2024, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tapplika mill-1 ta’ Jannar 2025 biex jiġu żgurati ċ-ċarezza legali u l-kontinwità tar-regoli rispettivi.

⁵ Id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/773 tal-10 ta’ Mejju 2021 li, f’konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 1999/105/KE, tawtorizza lill-Istati Membri jiddeċiedu b’mod temporanju dwar l-ekwivalenza ta’ materjal riproduttiv tal-foresti ta’ ċerti kategoriji li jiġi prodott f’ċerti pajjiżi terzi (ĠU L 169, 12.5.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2021/773/oj).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Emendi tad-Deċiżjoni 2008/971/KE

Id-Deċiżjoni 2008/971/KE hija emendata kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 1, l-ewwel paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:
“Din id-Deċiżjoni tiddetermina l-kundizzjonijiet li skonthom il-materjal riproduttiv tal-foresti tal-kategoriji “sors identifikat”, “magħżula” u “kwalifikati” prodotti f'pajjiż terz elenkati fl-Anness I għandhom jiġi importati lejn l-Unjoni.”;
- (2) fl-Artikolu 3, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:
“2. Iż-żrieragħ u n-nebbiet għat-tħawwil tal-kategoriji “sors identifikat” u “magħżula”, “kwalifikati” u “ttestjati” tal-ispeċijiet elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 1999/105/KE, prodotti fil-pajjiżi terzi elenkati fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni u ċċertifikati uffiċjalment mill-awtoritajiet tal-pajjiż terz elenkati f'dak l-Anness, għandhom jitqiesu li huma ekwivalenti għaż-żrieragħ u n-nebbiet għat-tħawwil li jikkonformaw mad-Direttiva 1999/105/KE, dment li jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.”;
- (3) L-Annessi huma emendati f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2025.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*